# IS-SKIET TA' ALLA JITKELLEM

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech**
**Festa ta' Santa Luċija**
**Santa Luċija, Ta' Kerċem - il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2011**

## Skiet ta' Alla u storbju tal-bniedem

Darba l-Beatu Ġwanni Pawlu II osserva li l-inkwiet tal-lum mhumiex biss il-gwerer, il-ġuħ u l-mard, imma s-silenzju ta' Alla! Is-sema bħal donnu ngħalaq. Is-skiet ta' Alla sar taqtgħu b'sikkina. Din hija traġedja serja għax jekk Alla waqa' fil-muta jfisser li l-bniedem ukoll tilef il-kelma, jew jekk jipprova jiftaħ fommu imma billi kelmtu mhix mislufa minn Alla, hija kelma vojta!

Huwa fatt ukoll li fina u madwarna hawn ħafna storbju li jitfi l-vuċi t'Alla! Aktar mill-ħsejjes esterni, il-bniedem għandu diffikultà jisma' lil Alla għax nieqes mis-skiet u t-trankwillità interjuri! L-istorbju fil-menti u l-qalb tal-bniedem tant itarrax li l-bniedem lanqas qed jisma' lilu nnifsu!

## Problemi li jħassbuna

Huwa fatt li dawk li ma għandhomx għamad fuq għajnejhom jinnutaw ċerti ġrajjiet koroh madwarna:

- In-nixfa spiritwali qed tinfirex. Ħafna huma reliġjużi imma mhumiex spiritwali. Ftit li xejn għadna nixxennqu għall-ħwejjeġ t'Alla li jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet spiritwali tal-bniedem. Kemm hija qawwija fina x-xewqa li niftħu aktar twieqi fuq il-misteru t'Alla? Kemm minna huma preokkupati biex jikbru fil-ħajja tal-grazzja? Kemm hija prijorità li fil-ħajja noħolqu "spazju tal-interjorità" biex niltaqgħu ma' dak li huwa essenzjali, inniżżlu l-għeruq tagħna fil-fond u negħlbu s-superfiċjalità?
- Il-faqar morali jbeżżgħek fih innifsu u minħabba l-effetti tiegħu. Bħala eżempju, insemmi l-kriżi ekonomika li, kif reġa' tenna l-Papa Benedittu XVI ilbieraħ, hija relatata ma' deficit etiku. L-istess deficit etiku qed jikkawża l-kriżi taż-żwiġijiet – miżżewġin jibdlu lil xulxin, ifittxu li jirrealizzaw lilhom infushom minflok fl-għotja sħiħa fiż-żwieġ...
- Il-fenomenu tal-persekuzzjoni tal-Insara li qegħda sseħħ fi żminijietna wassal biex l-Organizzazzjoni għas-Siġurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) qed tikkunsidra l-possibbiltà li darba fis-sena tiddedika ġurnata internazzjonali biex tfakkar lid-dinja fil-persekuzzjoni li qed issir lill-Insara. Bħalissa l-Insara huma l-grupp reliġjuż li l-aktar qed jiġi ddiskriminat minħabba raġuni ta' fidi. F'pajjiżna ma għandniex persekuzzjoni li ġġib tixrid ta' demm bħal dik li għamel Djoklezjanu fi żmien Santa Luċija; imma teżisti ħidma sottili u fina ħafna biex il-Knisja tkun skreditata, u xi persuni huma mwarrba mill-kamp ċivili proprju minħabba t-twemmin tagħhom.

Però dawn l-esperjenzi mhux bilfors jirriflettu li Alla huwa assenti minn ħajjitna! Għax jista' jingħata l-każ li Alla qed ikellimna f'dawn il-fenomeni li jinkwetawna. Huwa possibbli li Alla jippermetti dan kollu biex il-bniedem ikompli jmiss il-qiegħ ħalli mbagħad jibda tiela'. Meta l-bniedem isib ruħu nieqes mill-ossiġnu u jibqa' jifga, waħdu jfittex li jiftaħ "it-tieqa" fuq il-misteru t'Alla u jibda jiskoprih.

## Alla jibgħat il-profeti

Żgur li f'dawn is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza, imbuttat mill-imħabba lejn il-bniedem, Alla jieħu ħsieb li jibgħatlu l-"profeta" li jitkellem f'ismu. Kif Ġwanni l-Battista kien "il-leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert" (Ġw 1,23), hekk Santa Luċija nistgħu nqisuha bħala "il-leħen" misluf lil Alla biex il-kelma tiegħu tasal lil Pascasio, il-prefett ta' Sirakuża, bniedem spiritwalment u moralment vojt, li ried jeqred il-Knisja. Bħalma għal Ġwanni l-Battista l-persekuzzjoni ta' Erodi kienet okkażjoni biex hu jagħti xhieda ta' dak li kien jemmen fih, hekk ukoll għal Santa Luċija l-persekuzzjoni kienet "opportunità" biex hija xxandar il-Vanġelu ta' Ġesù Kristu. Alla jinqeda b'Luċija biex jikxef it-taħsir tal-istituzzjoni meta din ix-xebba Sirakużana ċċarrat il-maskra ta' Pascasio u tgħidlu li hu l-kawża tal-ħsara fis-soċjetà. Meta Pascasio jipprova jsikket lil Luċija biex indirettament isikket lil Alla, b'wiċċha minn quddiem Luċija tgħidlu li huwa impossibbli li wieħed iqiegħed sarima fuq il-fomm li jxandar l-għerf t'Alla.

Billi l-Kelma t'Alla taqta' bħal xabla b'żewġt ixfar, il-bniedem li ma jridx jisma', jistħarreġ l-identità tal-leħen – jitolbu l-kredenzjali biex, jekk jirriżultalu li hu l-eku ta' Alla, jipprova jitfih. Quddiem il-Battista, xhud tal-verità, il-kultura uffiċjali tiddefendi lilha nifisha u titolbu jgħid b'liema awtorità kien qed jitkellem. Proprju għaliex beżgħu li kien ġej mis-sema, staqsewh jekk kienx il-Messija, Elija jew wieħed mill-profeti!

L-istess jagħmel il-Prefett ta' Sirakuża ma' Luċija meta jistaqsiha jekk kellhiex l-Ispirtu t'Alla fiha – bħal donnu ried konferma jekk il-leħen tagħha kienx qed jikser is-skiet ta' Alla! U din iż-żagħżugħa konvinta ma tibżax tistqarr li hija l-"qaddejja tal-Mulej", li kien assigura lid-dixxipi tiegħu biex ma joqogħdux jaħsbu minn qabel kif ser jiddefendu ruħhom quddiem is-setgħat tad-dinja, "għax jien nagħtikom kliem u għerf li kull min ikun kontra tagħkom ma jkunx jista' jiqaflu jew imerih" (Lq 21,14). It-tweġiba ta' Luċija hija konferma li, minkejja li l-Insara jkunu maħbuta u f'minoranza, Alla ma jitlaqx lill-bniedem għal riħu, imma jibqa' jkellem lil qalbu!

## Id-dritt tal-libertà reliġjuża

Raġuni oħra għax għal xi wħud Alla huwa sieket hija għax fejn kulħadd għandu d-dritt tal-espressjoni, dan id-dritt huwa mċaħħad lil Alla! Għax kulħadd għandu l-jedd li jsemma' leħnu, anke l-iżball, imma lil Alla npoġġulu

sarima! Mhux Alla waqa' fil-muta imma l-bniedem jipprova jimmutah. Huwa tal-mistħija li s-soċjetà tiftaħar bil-kisbiet li għamlet fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, imbagħad id-dritt tal-libertà reliġjuża huwa mxekkel direttament u indirettament.

Kif illum fis-soċjetà hemm min jixtieq jimponi "reliġjon ċivili" fuq iċ-ċittadini kollha, hekk ukoll fil-bidu tas-seklu IV, meta seħħ il-martirju ta' Santa Luċija, il-Prefett ta' Sirakuża ried jobbliga r-reliġjon tal-Istat fuq is-sudditi tiegħu. Infatti, meta Pascasio jobbligaha toffri s-sagrifiċċju lill-allat, Luċija tgħidlu biex waqt li seta' jibqa' jadura lil alla tiegħu, lilha kellu jħalliha libera biex tqim lil Alla tagħha. F'ċertu sens, hawnhekk Luċija qed tappella għad-dritt tal-libertà reliġjuża għal kulħadd – Insara u mhumiex. Dan l-appell huwa floku ħafna llum ukoll!

### Romol, ltiema u foqra llum

Luċija tibdel ir-rikjesta li Pascasio jagħmlilha biex toffri d-debħa lill-allat f'opportunità biex "jitkellem Alla". Infatti, filwaqt li tfissirlu li s-sagrifiċċju li jogħġob lil Alla huwa li wieħed iżur ir-romol, jgħin lill-orfni, jassisti l-pellegrini u lil dawk li huma fil-bżonn, tistqarr li fl-aħħar tliet snin hija kienet qed tuża l-patrimonju tagħha għal dan l-iskop. Fi kliem ieħor, Luċija tgħid lil Pascasio li "llum" Alla ma jitkellimx bl-iskemi tradizzjonali li aħna mdorrijin bihom, imma jitkellem b'fomm ir-romol, l-orfni u l-foqra. Ir-romol, l-orfni u l-foqra huma "il-profeti" ta' żminijietna.

Illum r-romol mhumiex biss dawk li tilfu lil żwiegħom bil-mewt, imma s-soċjetà tal-lum qed twassal diversi fl-istat ta' "romol" peress li l-parti l-oħra fiż-żwieġ tagħżel li żżarma ż-żwieġ! Mhux sew li l-karba ta' dawn il-persuni taqa' f'widnejn torox. Lanqas ma huwa sew li min jixtieq jibqa' fidil għall-impenn taż-żwieġ u tal-familja, ma jingħatax is-sapport materjali, affettiv u morali li jeħtieġ! Il-laqgħat li l-Knisja f'Għawdex torganizza kull xahar għall-persuni separati huma kontribut ċkejken f'din id-direzzjoni. Fuq kollox din ir-realtà qed tgħidilna li s-soċjetà teħtieġ l-aħbar it-tajba ta' Ġesù Kristu dwar iż-żwieġ u l-familja.

Anke l-kategorija tal-iltiema twessgħet għax għandna wlied li ma għandhomx kenn fil-familja. Għandna nitħassbu meta nafu li f'pajjiżna hawn tfal li jikkwalifikaw biex jinħarġilhom *care order* imma dan il-pass jibqa' ma jitteħidx għax is-soċjetà ma għandhiex struttura li toffri l-kura u l-kenn lil dawk li ma għandhomx id-dar. Ftit ilu xi għalliema minn skola partikulari flimkien ma' awtorità fl-edukazzjoni qaluli li f'Għawdex hawn tfal "rifjutati" mid-dar, imma s'issa s-soċjetà hija xħiħa magħhom għax f'Għawdex ma hawnx struttura alternattiva għalihom! Hija Inkwetanti li llum għandna ġenituri, partikularment ommijiet, li jixtiequ aktar *child centres* biex appena jintemm il-*maternity leave* jkunu jistgħu jqegħdu fihom lil uliedhom tat-twelid! Il-maternità hija don kbir ħafna tant li xejn ma jħabbatha magħha. Is-soċjetà għandha tkun organizzata b'mod li dik l-omm li tagħżel li tibqa' d-dar ma tkunx imġiegħla titbiegħed mid-dar u tafda lill-oħrajn il-kura tal-ulied.

Il-ġimgħa l-oħra kont fil-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u assistejt għat-twaqqif ta' fondazzjoni b'risq il-familji foqra f'dik il-parroċċa. Is-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan il-Kumitat tal-Festi Esterni li waqqfet din il-Fondazzjoni jixirqilha kull tifħir u appoġġ għax b'din l-inizjattiva ser jagħmlu l-Knisja aktar qrib id-dar tal-fqir. Inizjattivi nobbli bħal dawn għandhom jiġu imitati.

### L-impenn tal-komunità Nisranija

Fil-komunitajiet ekkleżjali tagħna hemm ħafna tajjeb, imma hemm ukoll xi imbarazz li jeħtieġ insibu l-kuraġġ u nnaddfuh biex it-twemmin u l-kult tagħna jkunu jogħġbu lil Alla. Permezz ta' dawn ir-realtajiet li semmejt aktar 'il fuq Alla qed ikellimna – qiegħed jagħtina indikazzjonijiet ċari dwar liema sitwazzjonijiet għandna nindirizzaw "illum" biex il-bniedem iġarrab il-qawwa fejjieda ta' Alla li jrid jgħinu jkun aktar bniedem. Meta tgħix il-fidi vera, il-komunità Nisranija tikseb aktar qawwa biex tistimula lis-soċjetà ħalli tisma' lil Alla biex tkun tista' twieġeb lill-bniedem.

---

## *L-GĦAŻŻ JAGĦMEL ĦERBA*

**Ġabra fil-qosor tal-omelija li għamel l-Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tal-festa ta' San Koronatu li saret il-Ħadd 13 ta' Novembru 2011 fin-Nadur**

"Il-parabbola tat-talenti (Mt 25:14-30) turina li kull bniedem huwa mżejjen b'riżorza ta' kwalitajiet u ħiliet. Hemm min hu ħawtiel, u dawn jużahom tajjeb, imma hemm min minħabba l-għażż jippreferi jħalli l-potenzjal tiegħu moħbi! Kontra min huwa bieżel li l-ħamsa jagħmilhom għaxra, l-għażżien jitlef dak li jkollu! Huwa fatt li l-għażż jagħmel ħerba mill-bniedem.

Hemm dawk li jagħlu għax jisbaħ għax ma jkunux iridu jmiddu subgħajhom għall-ilma imbierek! Għal din il-kategorija ta' persuni, il-qawl jgħid li jekk ix-xogħol salmura tal-ġisem, l-għażż huwa balzmu! Dawn l-individwi mhux biss jonqsu li jaħdmu biex ikollhom il-ħobża ta' kuljum, imma jafu jkunu parassiti fuq l-oħrajn! Billi x-xogħol isawwar lill-bniedem, il-ħarba mid-dinja tax-xogħol hija xkiel fil-binja tal-karattru u l-personalità ta' dak li jkun. F'dan il-kuntest huwa importanti mhux ftit li s-soċjetà tara li jkun hemm xogħol għal kulħadd, speċjalment għaż-żgħażagħ. Il-qagħad jiġġenera l-għażż u l-għażż huwa missier il-vizzji.

Hemm ukoll l-għażż tal-ħsieb – meta bniedem jaħseb b'moħħ ħaddieħor, fis-sens li fil-ħajja wieħed jagħżel li jimxi skont kif jiddettalu ħaddieħor! Min moħħu fuq il-werqa la jirrifletti, la jiżen u lanqas jiddeċiedi, imma jimxi mal-kurrent. Jekk min jibża' mix-xogħol ibati, min ma jridx itaqqal moħħu bil-ħsieb ukoll huwa fqir. Il-faqar tal-ħsieb ifaqqas kemm faqar materjali imma iktar u

iktar dak intellettwali u kulturali. F'ċertu sens, il-bniedem jiswa skont il-ħsieb tiegħu; bniedem bla ħsieb ma jiswa xejn! Hemm bżonn nistinkaw aktar biex dan it-tip ta' għażż jgħib minn fostna, speċjalment fost iż-żgħar li fil-ħajja għandhom ħafna x'jistedinhom jgħażżnu l-fakultà intellettwali tagħhom. Jekk il-ħsieb huwa fjakk, anke r-rieda tkun dgħajfa.

Imbagħad hemm il-għażż reliġjuż u spiritwali. Meta l-ħeġġa għal Alla tnin, il-bniedem jitgħażżen fil-ħajja spiritwali: ma jibqax jitlob, isodd widnejh għall-Kelma t'Alla, jinsa s-sagramenti u jittraskura l-opri tal-ħniena. Bħal dudu qerriedi, dan l-għażż fil-ħajja tal-ispirtu huwa l-kawża li spiritwalment qed tifni lil ħafna! Mhux possibbli li sseħħ l-evanġelizzazzjoni jekk l-appostli tonqoshom il-ħeġġa! Din it-telqa għall-appostolat kapaċi tħeddel lil kulħadd, anke lil dawk li huma afdati b'ministeri apposta! Iċ-ċirkostanzi li qed ngħixu fihom illum ma jippermettux li nħallu lilna nfusna ninħakmu minn dan it-tip ta' għażż.

Il-fatt li San Koronatu ħa l-martirju huwa xhieda ċara li kien imħeġġeġ għal Kristu. Kieku kien Kristjan ta' nofs kedda, la kien jingħata l-martirju u anqas hu ma kien isib il-qawwa biex jagħti ħajtu għal Kristu. Nitlob lil Alla bl-interċessjoni tal-martri San Koronatu biex jgħinna nimtlew bl-entużjażmu u l-ħeġġa ħalli nużaw tajjeb il-kwalitajiet u l-ħiliet li Hu żejjinna bihom."

# IL-KONTRIBUT AWTENTIKU TAL-AWTORITÀ LEJN SOĊJETÀ B'SAĦĦITHA

**Pontifikal Sollenni ta' Mons Isqof Mario Grech fil-parroċċa ta' Sannat fil-festa ta' Santa Margerita – il-Ħadd 24 ta' Lulju 2011**

Skont il-filosofa Amerikana Hannah Arendt, fost il-vittmi tal-modernità, deskritta bħala "pluri-omiċida", hemm il-kunċett tal-awtorità! Minkejja li qatt daqs illum ma kellna għamliet ta "awtorità", huwa fatt li hemm ir-riskju ta' kriżi tal-awtorità!

### "Vacuum" ta' awtorità

Waħda mir-raġunijiet tan-nuqqas ta' direzzjoni żgura fil-ħajja tal-individwu hija propju għax mhux faċli li wieħed isib "awtorità" li fiha jista' jqiegħed il-fiduċja tiegħu. Il-frakass fil-familja huwa l-kaġun li l-ulied iħossuhom sprovvisti mis-servizz tal-awtorità li joffru l-ġenituri. Il-kważi anarkija fis-soċjetà ġejja wkoll mill-fatt li għandna awtorità li mhix serja – x'serjetà tispira awtorità li tħaddem kriterji differenti ma' persuni differenti? Anke fil-Knisja jiġri li xi drabi l-awtorità hija mifhuma l-kuntrarju ta' dak li suppost tkun – mezz ta' qadi.

Dan kollu jindika li jista' għandna "vacuum" ta' awtorità awtorevoli. L-awtorità tbattlet mit-tifsira propja tagħha. Għal xi wħud flok ma hija servizz biex iġġib 'il quddiem il-ġid tal-individwu u dak komuni, l-awtorità saret poter, arbitrarjetà, impożizzjoni, u f'xi każi wkoll repressjoni. Meta l-awtorità hija mmanipulata u ssir "awtoritariżmu", min huwa fl-awtorità jibda jaħkem fuq l-oħrajn u jinqeda bl-oħrajn.

### L-awtorità fil-familja

Kif josserva l-filosofu Augusto Del Noce, l-instabbiltà tal-familja hija waħda mill-kawżi ta' din il-kriżi fl-awtorità. Meta jgħib il-ġenitur, l-ulied jitilfu figura awtorevoli importanti ħafna li jeħtieġuha biex tgħinhom jikbru u jpoġġu pedament sod għal ħajjithom. Illum mhux biss għandna wlied li huma miftumin mill-ġenituri tagħhom, imma għandna wkoll ġenituri li abdikaw mir-responsabbiltà tagħhom u ttrasferew l-awtorità parentali fuq oħrajn. Imbagħad, hemm ġenituri li ċedew quddiem il-kultura permissiva u għażlu li ma jindaħlux lil uliedhom f'dak kollu li jagħmlu. L-esperjenza tikkonferma li din ir-rinunzja tal-awtorità qed tiswielna prezz għoli! In-nuqqas ta' awtorità fid-dar tista' tħalli marka negattiva li żgur ma tgħinx meta l-ulied jikbru u jsibu ruħhom afdati b'xi għamla ta' awtorità!

### L-awtorità pubblika

Forma eminenti ta' dan is-servizz tal-awtorità hija l-awtorità pubblika, li mhix ħielsa mill-proċess ta' taħsir. Hemm żewġ teoriji li jfissru l-awtorità pubblika:

(a) Thomas Hobbes jgħid li billi l-bniedem faċli jaħtaf lil sieħbu – homo homini lupus, – biex il-bnedmin ikunu jistgħu jgħixu flimkien, kull bniedem permezz ta' "patt soċjali" iċedi ftit mill-poter tiegħu lil persuna jew grupp ta' persuni li jirċievu l-awtorità biex jiggvernaw il-ħajja soċjali.

(b) Jean-Jacques Rousseau iżomm li min-natura tiegħu l-bniedem huwa soċjali – għandu bżonn tal-oħrajn biex jiżviluppa. Għalhekk, huwa jagħmel "kuntratt soċjali" mal-oħrajn fejn iċedi parti mil-libertà tiegħu biex iwaqqaf l-Istat. Skont din it-teorija, ir-"rieda ġenerali" hemm bżonn li tkun obduta – hija din ir-rieda ġenerali li tagħmel lill-bniedem ħieles.

Dawn iż-żewġ teoriji jżommu li s-sovranità popolari hija assoluta. Ma jeżisti xejn 'il fuq mir-rieda ġenerali tal-poplu. Hija din ir-rieda ġenerali taċ-ċittadini l-kejl aħħari ta' x'inhu tajjeb jew ħażin, ġust jew inġust, onest jew diżonest. Hekk, per eżempju, biżżejjed li "ir-rieda ġenerali" tkun trid li l-abort, biex l-awtorità pubblika tagħti l-permess biex dan ikun jista' jsir, irrispettivament mill-fatt li l-abort huwa omiċidju! Dan ifisser li dawn it-teoriji jserrħu fuq antropoloġija ateista u falza, u għalhekk mhumiex garanzija li din ix-xorta ta' awtorità ser tibni soċjetà li tassew tixraq lill-bniedem. Għax skont dawn it-teoriji, il-bniedem huwa magħluq għal Alla! Huwa f'dan id-dawl li Del Noce jirrimarka li l-kriżi tal-awtorità llum għandha fundament antropoloġiku u teoloġiku!

### Oriġini tal-awtorità

Huwa t-tagħlim kostanti tagħna l-Kattoliċi li Alla huwa

l-oriġini tan-natura soċjali tal-bniedem u tal-awtorità. Lil Pilatu Kristu jgħidlu: "Ma kien ikollok ebda setgħa fuqi, kieku ma ġietx mogħtija lilek minn fuq" [Ġw 19:11]. Diġà fl-1939 il-Papa Piju XII, bl-enċiklika *Summi Pontificatus*, kien għallem li l-Ħallieq ried li s-sovranità ċivili torganizza l-ħajja soċjali skont dawk il-prinċipji tal-liġi naturali li jgħinu biex il-bniedem jilħaq il-perfezzjoni fiżika, intellettwali, morali u spiritwali. Dokument reċenti tal-Kongregazzjoni tal-Fidi jfisser kif l-għerq tat-traġedji li qed isieħbu l-istorja moderna tal-libertà jinsab fit-teorija ta' min twebbel li huwa ħieles minn kull liġi morali. Meta l-bniedem jieħu l-indipendenza minn Alla, flok ma jkattar il-libertà, jitlifha.

### L-awtorità u r-raġuni

F'diskors li għamel sentejn ilu dwar Scotus Eriugena, il-Papa Benedittu XVI ifisser li skont dan it-teologu l-awtorità u r-raġuni qatt ma jistgħu ikunu f'kuntrast ma' xulxin. Infatti kull tip ta' awtorità li mhix ikkonfermata mir-raġuni, hija meqjusa bħala awtorità dgħajfa! Il-vera awtorità hija dik li taqbel mal-verità li l-bniedem jaf jasal għaliha bir-raġuni. M'hemmx kontradizzjoni bejn l-awtorità awtentika u r-raġuni retta għax it-tnejn ġejjin minn għajn waħda: l-għerf t'Alla!

Fid-dawl ta' dan kollu, għalhekk, mhix ir-"rieda ġenerali" l-għajn unika u universali tad-drittijiet ċivili, imma l-verità. Jekk intennu li kollox jiddependi mill-ħsieb arbitrarju tal-maġġoranza, allura "ir-rieda ġenerali" issir "reliġjon ċivili" li tiddetta x'inhi l-verità. F'dan il-każ, ir-riskju huwa serju ħafna!

### Ċittadini responsabbli

Huma ħafna dawk iċ-cittadini li qed iħaddmu l-awtorità, anke dik pubblika, b'għaqal u responsabbiltà. Filwaqt li s-soċjetà għandha tkun grata lejn dawk li jaċċettaw li jerfgħu l-piż tal-awtorità pubblika, f'dawn il-każi ċ-ċittadini huma obbligati fil-kuxjenza li jobdu.

### Awtorità abbużata

Imma meta l-awtorità tiddeġenera, tikber il-possibbiltà li jkun hemm abbuż mill-awtorità u joktru l-vittmi. Fis-soċjetà tagħna hemm diversi każijiet ta' abbużi ta' din ix-xorta: jeżistu abbużi minn min għandu l-poter tal-flus, tal-għerf, tal-professjoni, tal-uffiċċju amministrattiv, tal-uniformi, tal-midja, tal-politika kif ukoll minn min jassumi "poter" reliġjuż. F'dawn il-każi, min kiseb l-awtorità li mbagħad bidilha f'poter jaf jasal biex jisfrutta l-awtorità tiegħu biex jaħkem jew jintimidizza lil ħaddieħor.

Wieħed jawgura li, filwaqt li dawn il-forom ta' inġustizzja jiġu indirizzati b'mod tassew effettiv, ilkoll noffru s-sehem tagħna biex tkun irkuprata t-tifsira u l-prattika tal-awtorità awtentika u hekk ikollna soċjetà b'saħħitha.

---

# *"DAR MISSIERI GĦAMILTUHA SUQ"*

## Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech nhar il-Festa tal-Konsagrazzjoni tal-Lateran Bażilika ta' San Ġorġ – L-Erbgħa 9 ta' Novembru 2011

Hemm ir-riskju li l-kritika li Ġesù għamel lil Lhud meta fit-tempju qalilhom "dar Missieri għamiltuha suq", tkun tgħodd għalina l-Insara llum! Fil-fehma tiegħi hemm żewġ modi kif ir-reliġjon nistgħu nirrenduha "suq".

Hemm min jidhirlu li jista' jkun Nisrani imma fl-istess waqt iħossu ħieles li, f'isem Kristu, jgħid li jrid. Hemm min jaċċetta dak li jaqbillu mit-tagħlim ta' Kristu u jwarrab dak li ma tantx jogħġbu, bħal meta wieħed imur madwar il-bankijiet li jarmaw fis-suq u "jieħu" jew "iħalli" dak li jfettillu. Din hija l-mentalità tar-reliġjon "supermarket", fejn wieħed jista' jagħżel l-oġġetti li jkun irid. Dawn huma dawk li jagħżlu xi paġni mill-Evanġelju u jqattgħu l-bqija. Fi kliem ieħor, "ir-reliġjon tas-suq" hija dik li wieħed ifassal skont il-qies u aptit tiegħu stess – meta t-twemmin ikun miżgħud bil-kompromessi.

Kuntest ieħor meta r-reliġjon issir suq huwa meta nittrattaw ma' Alla b'mentalità kummerċjali – "nagħtik sitta u agħtini sold"! Dan huwa l-każ meta nwegħdu xi ħaġa lil Alla basta Hu jaqlgħalna xi grazzja! "Jekk nieħu *promotion* fuq ix-xogħol, nagħmel offerta lill-knisja! ..... Jekk infieq, nixgħel xemgħa". F'każi bħal dawn, ir-relazzjoni tagħna ma' Alla ma tkunx frott l-imħabba tagħna lejH imma għax inħobbu lilna nfusna! Dak iż-żmien kien normali li l-Lhud "iħallsu" biex jixtru l-bhejjem biex joffruhom b'sagrifiċċju; imma Ġesù ried jurihom li r-relazzjoni ma' Alla ma għandhiex tkun waħda "kummerċjali" – nagħtik u agħtini! – imma relazzjoni kollha mħabba diżinteressata. Ġesù rrabja mal-bejjiegħa tat-tempju proprju għax kienu "reliġjużi" imma mhux spiritwali!

Billi llum qegħdin niċċelebraw il-festa tad-dedikazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġwann fil-Lateran, li hija wkoll il-katidral tal-Papa, niftakru li hija l-missjoni tal-Papa li bit-tmexxija tiegħu jgħinna ħalli ma nagħmlux "suq" minn "dar Missierna"! Wieħed mill-modi kif il-Papa jagħti dan is-servizz huwa proprju permezz tat-tagħlim awtorevoli tiegħu – dak li jissejjaħ il-Maġisteru tal-Knisja. Sfortunatament, hawn min, anke fost dawk li għandhom il-mandat li f'isem Kristu jgħallmu u jqaddsu lill-Insara, li nħakmu minn din il-mentalità tas-suq anke f'dak li għandu x'jaqsam mal-Maġisteru. Kull Kattoliku, anke jekk huwa isqof jew saċerdot, ma jistax ma jkunx f'komunjoni mal-Papa fit-tagħlim tal-verità.

Għalhekk, fl-okkażjoni tal-festa tal-lum, nitolbu lil Alla biex isseddaq lill-Missier tagħna l-Papa u nġeddu l-lealtà u l-fedeltà tagħna lejh. Il-Knisja mhix immexxija skont il-fehma tal-maġġoranza, imma mill-fidi f'Ġesù Kristu li qiegħed lil Pietru biex jirgħa l-merħla kollha.

**Nota tad-Direzzjoni:**
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.